**15 ta' Mejju, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Richard England Sant Fournier et.

*versus*

Wilfred Podestà ne.

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Kwistjoni ta' Dritt — Provi — Appell.**

*Biex sentenza tal-Board tal-Kera tkun appellabbli fuq il-motiv li l-Board ikun ċaħad talba biex isiru provi offerti minn waħda mill-partijiet, jeħtieġ li l-Qorti tal-Appell tkun soddisfatta li d-digriet taċ-ċaħda tal-provi appellat kien jivverti fuq l-ammissibbilità o meno tal-provi offerti, u mhux fuq ir-rilevanza tagħhom; għax jekk si tratta ta' rilevanza tal-provi, allura ma hemmx kwistjoni ta' dritt,*

*inkwantokkè l-fehma tat-tribunat tal-ewwel istanza f'każ ta' rilevanza tal-provi hi fehma ta' fatt, diskrezzjonali, per regola inċensurabbli.*

*Hu veru li l-punt tar-rilevanza j'sta' minn xi daqqiet jittraxxendi f'punt ta' dritt; imma dan jista' jiġri meta, anki fil-limiti tar-rilevanza, issir vjolazzjoni tal-l'ġi, jew ikun hemm preġudizzju irriparabbli għall-parti reklamanti.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors li bih ir-rikorrenti talbu li jiġi fissat il-kumpens xieraq għall-okkupazzjoni tal-fond nru. 24 Merchants Street, Valletta, skond il-kriterji tal-Housing Act. 1949;

Rat id-digriet tal-Board tal-14 ta' Jannar 1959, li bih ġew respinti xi provi offerti mir-rikorrenti;

Rat is-sentenza tal-Board tal-5 ta' Marzu 1959, li biha ddeċieda li l-kera jkun £430 fis-sena mill-ġurnata li fiha l-intimat nomine ħa pussess tal-fond jitħallas bit-tliet xhur bil-quddiem, riparazzjonijiet interni ordinarji għall-inkwilin; u ordna li l-ispejjeż jitħallsu mingħajr taxxa;

Il-Board ikkunsidra illi mill-eżami tal-fond (li mhux użat bħala fond ta' abitazzjoni) mill-membri tekniċi tal-Board jirriżulta li l-kera xieraq tiegħu huwa ta' £430;

Rat ir-rikors tal-atturi, li bih appellaw mid-deċiżjoni u mid-digriet fuq imsemmija, u talbu li tiġi revokata (kif ukoll jiġi revokat id-digriet tal-14 ta' Jannar 1959), u li jiġi fissat il-kumpens li ħaqqhom l-appellanti għall-okkupazzjoni da parti tal-appellat nomine tal-fond in kwistjoni, wara li jinstemgħu x-xhieda li l-istess atturi appellanti offrew li jipproduċu quddiem l-imsemmi Board; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis:*

Ikkunsidrat;

Ma hux in kwistjoni li l-fond "de quo" ġie rekwiżizzjonat, u li għalih hu applikabbli, kwantu għall-kumpens, id-dispost tal-art. 11 tal-Att II tal-1949; liema kumpens, però, bid-dispost tal-ewwel subartikolu tal-art. 12 ta' dik l-istess liġi, għandu jiġi fissat mill-Board li Jirregola l-Kera;

Il-punt ta' dritt li fuqu l-atturi jibbażaw l-appell tagħhom jikkonsisti fiċ-ċaħda tal-provi, minnhom offerti fol. 2, 3 u 6, bid-digriet tal-Board fol. 7;

Sabiex jirnexxu fl-assunt tagħhom, jeħtieġ li l-Qorti tkun persważa li dak id-digriet kien jivverti fuq l-"ammissibilità o meno" ta' provi, u mhux biss fuq rilevanza; għax jekk si tratta ta' rilevanza, allura ma hemmx punt ta' dritt inkwantokkè l-fehma tat-tribunal tal-ewwel istanza, f'każ ta' rilevanza, hi fehma "ta' fatt", diskrezzjonali, per regola inċensurabbli (Vol. XXIV-I-104; XXVII-I-344);

Illi, fil-każ preżenti, kif jidher mit-termini tad-digriet, il-Board ma nterpreta ebda dispost tal-liġi b'mod li daħal f'xi kwistjoni legali ta' ammissibbilità, imma biss qal "peress illi l-kera tal-post għandu jiġi stabbilit mill-membri tekniċi ta' dan il-Board". Dan hu sempliċi ġudizzju ta' irrilevanza ossija superfluwità tal-provi (art. 559(1), inkwantokkè li sostanzjalment il-Board qal li ma kienx hemm bżonn dawk il-provi, għaliex il-Board kellu l-assessuri tekniċi tiegħu;

Illi hu veru li l-punt tar-rilevanza jista' minn xi daqqiet jittraxxendi f'punt ta' dritt, meta, anki fil-limiti tar-rilevanza, issir vjolazzjoni tal-liġi, jew ikun hemm preġudizzju irriparabbli għall-parti reklamanti. Issa, l-appellanti ċċitaw id-dispost tal-art. 11(a) tal-Att tal-1949 fuq imsemmi, u qieshom jippretendu li, skond dak id-dispost, il-Board kien "ex lege" tenut jisma l-provi offerti. Iżda rettament miftiehem, dak id-dispost ma hux ħlief kriterju direttiv, li jista', s'intendi, jiġi segwit mill-membri tekniċi tal-Board anki apparti mis-smiegħ tax-xhieda. Lanqas ġie pruvat xi preġudizzju irriparabbli; għaliex din il-Qorti hi ġustifikata taħseb li l-membri tekniċi tal-Board ħadu in konsiderazzjoni l-kriterji kollha opportuni,

...lto *pjù li l-kriterju tal-kera ta' fondi oħra li jkunu* "comparable" jirrikorri anki fil-liġijiet partikulari tal-Board tal-Kera;

Għal'hekk, ma hemm ebda punt ta' dritt li fuqu jista' ...poża l-appell tal-atturi; li hu konsegwentement dikjarat ...itu u null; bl-ispejjeż kontra tagħhom.